MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 449/2008

**Dottoressa Anne Marie Busuttil bhala mandatarja specjali ta' l-assenti A C sive B C d' Anastasi, u b' digriet tas-26 ta' Mejju 2010 l-imsemmija mandatarja giet estromessa mill-kawza, stante li l-istess A sive B C assuma l-atti personalment**
**vs**
**DC**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi B C D' Anastasi izzewweg lil DC fit-2 ta' Awwissu 1980 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, tnejn minnhom maggorenni;

2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali (Dok. MB 1) fl-atti tan-Nutar Dottor Jeanette Laferla Saliba tal-21 ta' Lulju tas-sena 2004;

3. Illi kif stipulat fil-klawsola numru tmienja (8) tal-imsemmi kuntratt, B C D' Anastasi obbliga ruhu li jivversa s-somma ta' Lm130 (ekwivalenti ghal €302.82) kull xahar bil-quddiem, bhala manteniment ghal martu. Din il-klawsola tispecifika ukoll li dan l-ammont jibqa' dovut anke jekk martu ssib impjieg, izda tonqos ghas-somma ta' Lm65 fix-xahar (ekwivalenti ghal €151.41) meta r-ragel jilhaq l-eta' tal-pensjoni;

4. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, u kif kien diga' ammess mill-konvenuta stess waqt proceduri ta' annullament civili, l-konvenuta DC qed tikkoabita ma' certu E F, u ilha taghmel hekk ghal dawn l-ahhar erba' (4) snin;

5. Minkejja li B C D' Anastasi u DC huma sseparati legalment, huma xorta ghadhom mizzewgin, u ghalhekk l-obbligu tal-fedelta' ghadu vigenti. Stante li l-adulterju huwa wiehed mir-ragunijiet ghalfejn persuna tiddekadi mid-dritt taghha li tircievi manteniment, bl-istess mod DC tilfet dan id-dritt;

6. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma tatx frott;

7. Illi l-attrici nomine giet debitament awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti permezz tad-digriet numru 1958/08 sabiex tintavola dawn il-proceduri;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi l-attrici nomine titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenuta fit-termini ta' l-artikolu 38 tal-Kap. 16.

2. Tvarja l-kuntratt ta' separazzjoni personali mmarkat bhala Dok. MB 1 fis-sens illi B C d' Anastasi ma jibqax obbligat jissomministra l-ammont ta' cirka €302.82 kull

xahar stante li martu ddekadiet mid-dritt taghha li tibqa' tircievi dan il-manteniment.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-konvenuta, u konsegwentement qed jitlob dikjarazzjoni fis-sens li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha li tkompli tircevi l-manteniment pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni personali ffirmat fit-2 ta' Awwissu 2004.

Illi skond il-klawsola numru tmienja [8] ta' l-imsemmi kuntratt, l-attur kien obbliga ruhu li jghaddi lill-konvenuta, allura martu, retta alimentarja ta' LM130 fix-xahar, illum ekwivalenti ghal €302.82, riducibbli ghal LM65, illum ekiwivalenti ghal €151.41, meta l-attur jilhaq l-eta' tal-pensjoni.

Illi mill-provi jirrizulta ex admissis mill-konvenuta li fit-13 ta' April 2007, u allura wara l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni, hija kienet qed tghix fi stat ta' konkubinagg ma' certu E F.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-konvenuta hija hatja ghas-separazzjoni personali meta kkommettiet adulterju sussegwenti ghall-kuntratt ta' separazzjoni; u ghalhekk it-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici fit-termini taghhom.

Spejjez a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------